MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru. 131/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Keith Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Camilleri ta’ 26 sena, iben Fabian u Giacinta nee` Azzopardi, imwieled fil-25 ta’ Awwissu 1981 fil-Pieta` u joqghod 102, Preca Court, Triq il-Kullegg l-Antik, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 481481M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ Gunju 2008 ghal habta tat-3.00 p.m:

1. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Marzu 2013, fejn il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dak in-nhar u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni illi l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-kawza inbdiet fit-23 ta' April 2010, fil-waqt illi l-ammissjoni saret fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013 – cioe` kwazi tliet snin wara li nbdiet il-kawza. Ghalhekk minkejja l-ammissjoni tieghu, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda

riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra din l-ammissjoni.

In oltre mill-fedina penali aggornata tal-imputat, jirrizulta illi l-imputat kellu erba’ kundanni ohrajn – wahda minnhom in konnessjoni ma’ pussess semplici ta’ droga eroina. Fir-rigward ta’ din il-kundanna huwa gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien hmistax-il xahar, fil-waqt li ghall-kundanni l-ohrajn huwa nghata sentenza ta’ prigunerija sospiza u multi. Ghalhekk jidher illi l-imputat minkejja li nghata l-opportunita` li jirriforma, xorta wahda ma tghallimx u ghazel li jerga’ jikser il-ligi. Minn naha l-ohra, il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirrileva, matul it-trattazzjoni dwar il-piena, illi d-droga li kienet fil-pussess tal-imputat kienet ta’ kwantita` zghira.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ multa ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u ghoxrin Euro (€120) bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument TV1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------